Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 8

It-Gimgha 22 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

ASSENTI:

Janice Chetcuti – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 8.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 8.1.1 | Is-Sa Janice Chetcuti bghatet ittra ta' apologija sabiex tigi skuzata mill-laqgha ghar-ragunijiet li m'ghandix kontroll fuqhom. Il-Kunsilliera prezenti accetaw l-apololgija u ma' sabu l-ebda oggezzjoni li tigi skuzata. |
| 8.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 8.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 6 flimkien mal-minuti tal-laqgha b'urgenza numerata numru 7 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 8.2.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mas-Sur Stephen Caruana wara l-laqgha b'urgenza numru 7 kien iltaqgha mas-Segretarju Parlamentari tal-Agrikoltura fejn giet diskussa l - materja tal-*Boat Storage* u habbar li ser issir laqgha ohra flimkien mal-Kunsilliera kollha. Is-Sindku zied jghid li gie nfurmat li mhux se jinstab post alternattiv ghall-*Boat Storage.* |
| *Il-hin huwa l-4:15 u l-laqgha giet suspenduta sabiex il-pubbliku prezenti jiddiskuti l-materja tal-Boat Storage.* | |
| *Il-hin huwa l-4:22 u l-laqgha tal-Kunsll tkompliet.* | |
| 8.2.3 | Is-Sur Stephen Caruana ppropona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda l-minuti tas-Seduta 6 flimkien mal-minuti tal-laqgha b'urgenza numru 7 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 8.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 8.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li kellu laqgha mal-Ministeru u ma' konsulent rigward il-pjanta tar-rilokazzjoni tal-monti f'Marsaxlokk. Is-Sindku zied jghid li se jergghu jintbaghtu ittri registrati mill-Kunsill lill-*Market Hawkers* sabiex jigu mgharfa bil-posta l-gdida. Is-Sindku kellu jinforma lill-Ministeru sabiex l-ispejjez ta' l-ittra registrata ma' jigux koperti mill-Kunsill. |
| 8.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li d-dawl tal-parkegg il-gdid ghandu l-hsara u l-Enemalta giet imqabda sabiex isibu l-hsarat. Is-Sindku spjega li sakemm il-parkegg ma' jkunx devolut lill-Kunsill l-istess Kunsill ma' jistax jiehu l- inzjattiva li jirranga l-hsarat. |
| 8.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li nhar it-22 ta' Novembru 2019 attenda laqgha rigward il-Barumbara ta' Triq ix-Xerriek ma' Triq Lepanto. |
| 8.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li saru r-*Road Markings* ta' fejn il-*Pitch* tal-*Waterpolo* u saret ukoll *Sleeping Police* imma kien hemm xi ilmenti sabiex is-*Sleeping Police* titresaq ftit il-quddiem u jigu evitati incidenti bla bzonn. |
| 8.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li sar hajt tal-*bricks* u bankina Triq il-Kuncizzjoni sabiex isiru xoghlijiet minn kuntrattur hekk kif titlob il-ligi imma sar xi ilment minn resident ghax ma' saritx bankina fi Triq l-Arznell. |

| 8.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
|---|---|
| 8.4.1 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Bicca bankina Triq il-Galjazz?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ghandha ssir talba lill- *Infrastructure* Malta waqt li jkunu qed isiru t-toroq. |
| 8.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Private jew Tnejn ghall-Milied?'' Wara diskussjoni libera gie deciz li l-*privates* jigu approvati ghall- attivita tal-Milied li se tinzamm ghar-residenti nhar is-26 ta' Dicembru 2019. |
| 8.4.3 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Rangar ta' Triq Melqart isfel?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsiliera li se jkun qed jiehu hsieb li jsir kanal. |
| 8.4.4 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Zebgha Triq il-Kajjik?'' Wara disussjoni libera gie deciz li z-zebgha ssir mill-haddiema assenjati tal-Kunsill. |
| 8.4.5 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Sqaq patching fejn tal-Janker?'' Wara diskusjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkomunika ma' *Infrastructure* Malta sabiex tintalab biex issir minnhom. |
| 8.4.6 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Kaxxi bojod biz-zebgha Triq Zejtun?'' Wara disussjoni libera gie deciz li z-zebgha ssir mill-haddiema assenjati tal-Kunsill. |
| 8.4.7 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Il-*Bins* ghala ghadhom ma' twahlux?'' Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-*bins* ta' Gnien il-familja se jigu nstallati. |
| 8.4.8 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Twegib tat-*telephone* tal-Kunsill?'' Is-Sindku ssugerixxa li jsiru l-*Cameras* bhala moniteragg. |
| 8.4.9 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "X'inhu jigri fuq korrispondenza bl-*emails*?'' Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li se jkun qed jiccekja d-dati u r-raguni tal-korispondenza msemmija li ntbghatet lill-Kunsilliera xi jiem wara li waslet ghand il-Kunsill. |
| 8.4.10 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Ghal liema raguni korrispondenza fuq il-Gal Xlokk minix nircievi?'' Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta n-notofika tal-Gal Xlokk lis-Sindku sabiex tigi ffirmata minnu u Sa Elenia Desira tkun ir-raprezentant tal-Kunsill hekk kif kien mifthiem fil-bidu al-legislatura. |
| 8.4.11 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Ghal liema raguni ma' kienx hemm raprezentant mill-Kunsill ta' Marsaxlokk fin-nuqqas li s-Sindku ma' jistghax jattendi?" Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'kaz li ma' jkunx disponibbli se jibda' jinforma lill-Kunsilliera sabiex jattendi xi hadd minnhom. |

| 8.5 | Rapporti |
|---|---|
| 8.5.1 | - Is-Sindku prezenta l-*Performance Bonus Appraisal* ta-haddiema tal-Kunsill Lokali ghall-approvazjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-haddiema ghandhom jinataw il-bonus komplut li huwa 6% tal-paga annwali. Il-*Performance Bonus Appraisal* tal-haddiema tal-Kunsill Lokali gew iffirmati mis-Sindku hekk kif approvat.<br><br>- Is-Sindku prezenta l-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv ghall-approvazjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li għandu jinagħta l-massimu ta 10% tal-paga annwali. Il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv gie iffirmat mis-Sindku hekk kif approvat. Sa Emma Vella rringrazjat lill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat zewg *invoices* tal-Kuntratt tal-*Bulky Refuse* li kienu aktar ghola minn kif suppost ghaldaqstant infurmat lill-Kunsill li kkomumikat mal-kuntrattur ikkoncernat u giet infurmata li xi membri tal-Kunsill u impjegati tal-Kunsill kienu staqsew sabiex jingabru xi affarijiet mormijja li ma' kienux imnizzla fuq il-lista, kemm f'inhawi f' Marsaxlokk u anke minn stabbiliment partikolari. Is-Segretaju Ezekuttiv staqsa jekk dan kienx minnu. Is-Sindku talab ghall-laqgha mal-Kuntrattur sabiex issir kjarifika. Wara diskussjoni libera u vot unanimu gie deciz li l-Kuntrattur jithallas biss tax-xoholijiet imnizzla fuq il-lista provduta mill-Kunsill.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li tkelmet mas-Sindku rigward il-hrug tat-*Tender* tal-*Contracts Manager* li huwa obbligatorju u jrid jigi mplimentat mill-aktar fis. Wara diskssjoni libera gie deciz li t-*Tender* jinhareg mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Ottubru 2019 mingħand kumpanijja promozjonali tat-turizmu il-Kunsill gie nfurmat bi proposta sabiex jixtri *3D Map Artwork* ghall-lokalita'. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkomunika mal-FTZD sabiex jaghmel rikjesta li tigi provduta minnhom peress li Marsaxlokk huwa lokalita' turistika.<br><br>- Permezz ta' Direttiva 5/2019 datata 20 ta' Novembru 2019 mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, Monitoragg u Sapport, il-Kunsill gie nfurmat bir-revoka tad- Direttiva Numru 4/2019 u l-Funzjonijiet tal-Kunsill Regjonali.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Ottubru 2019 mingħand l-ERA l-Kunsill gie nfurmat li saret spezzjoni minn naha taghhom fi Triq Dun Salv Gatt u Triq Gorg Gravina fejn gibdu l-attenzjoni li kien hemm impatt fuq tmien sigar tac-Cipress u taz-Zebbug li skond il-ligi L.N.258 tat-2018 huma protetti. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li l-ERA qalet li kellha kuntatt mas-Sindku u kkonkludiet li l-intervenzjonijiet saru mill-istess Kunsill minghajr il-permess taghhom u setghet tittiehed azzjoni legali kontra l-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill li kellu kuntatt mal-ERA fejn gie nfurmat li se jkun hemm penali ghall-Kunsill li ghadhom mhux maghrufa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill l-ERA kkuntatjat lilu u l-ebda' sigra ma' kienet inqghalat u kien se jiehu hsieb din il-materja.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-*Budget* ghas-sena finanzjarja 2020 lill-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-*Budget* gie approvat hekk kif prezenat. |

| | |
|---|---|
| | - Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsillera li n-nomina tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kienet se tintemm fil-5 ta’ Dicembru 2019 ghaldaqstant id-Dipartiment tal Gvern Lokali ried jigi nfurmat sabiex issir estenzjoni ghall-tlitt xuhur ohra. Wara diskusjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-estenzjoni giet approvata.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsillera li kienet qed tinaghta *handover* tax-xoghol lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghar-raguni li t-terminu tal-impjieg taghha mal-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk se jkun fit-13 ta’ Dicembru 2019. Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li l-ahhar ftit jiem tan-*notice* se tkun bil-*leave* ghaldaqstant id-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien se jkun qed imexxi l-laqgha tal-Kunsill li jmiss.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsillera li l-kuntratt tal-kera tal-binja tal-Kunsill kienet se tiskadi fl-ahhar ta’ Dicembru 2019 ghaldaqstant ried jigi ffirmat kuntratt iehor. Sa Emma Vella nfurmat lill-Kunsill li sid il-kera trid temenda l-Kuntratt blli tinkludi fih affarijiet straordinarji u mhux biss ordinarji. Wara diskussjoni libera bejn l-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghandu jintalab parir minn Avukat sabiex il-Kunsill ikun jaf x’tghid il-ligi tal-kera.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsillera li wiehed mil-haddiema assenjati talab lill-Kunsill sabiex jixri *protective jacket* ghal waqt il-hin tax-xoghol. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-gakketta ma’ tinxtarax u sabiex l-impjegat jilbes gakketta minn tieghu.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/05320/19, PA/08426/19, PA/08569/19, PA/08665/19, PA/08386/19, PA/08310/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija hlif li l-Kunsill ghandu jigbed l-attenzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex tiehu hsieb l-estetika tal-bini u jindbghatu ritratti ta’ bini gdid li sar kurrenti sabiex ikun hemm spjegazzjoni cara. |
| 8.6 | Mozzjonijiet |
| 8.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 8.7 | Laqgha Annwali tal-Lokalita’ |
| 8.7.1 | Is- Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill sabiex tigi deciza d-data u l-post tal-laqgha Annwali tal-lokalita’ u fakkar li din kellha tinzamm qabel il-15 ta’ Dicembru 2019 , kif ukoll kellha tintbghat ittra lil-kull resident hmistax qabel id-data tal-laqgha. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-laqgha se tinzamm it-Tnejn 9 ta’ Dicembru 2019 fis-6:00pm.fil-binja tal-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| **8.8** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 8.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 12/19) għall-approvazzjoni. |
| 8.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sa Elenia Desira, ssekondata mis- Sur Sephen Caruana, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 8.8.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Novembru 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **8.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 8.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-6:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 fl-4.00pm. |

Konfermati, illum 22 ta' Novembru 2019.

IFFIRMATA
_________________
Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA
_________________
Jordy Brincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv *f/*
*Emma Vella – Segretarju Ezekuttiv*